# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI INFERJURI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ġimgħa, 8 ta' Lulju 2022**

**Avviż numru: 11/1990/1 BS**

**Angelo Mizzi, Margherita xebba Mizzi, Salvu Mizzi, Giuseppa armla ta' Francesco Mizzi li b'digriet tat-8 ta' Novembru 1991 ġiet nominata kuratriċi "ad litem" ta' binha, Carmelo Mizzi, li huwa inkapaċitat, u li b'digriet tas-17 ta' Novembru 2020 ġie ordnat it-trasfużjoni tal-ġudizzju tiegħu f'isem ħutu u l-atturi l-oħra, Pawlu Mizzi, Joseph Mizzi, Maria Grazia sive Grace mart John Sciberras u Maria mart Carmelo Galea**

**-vs-**

**Pawlu Buttigieg u Anthony Buttigieg**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviż fejn l-atturi talbu lill-konvenuti jgħidu il-għaliex m'għandhomx ikunu kkundannati illi jiżgumbraw totalment mir-raba' msejjaħ "Ta' Daħlet Qorrot" sive "Ta' Grejgel", liema raba' qiegħed fil-limiti tan-Nadur, Għawdex, tal-kejl ta' elf mitejn

u tlettax-il metru kwadru (1,213m.k.) cirka pari għall-cirka tomna u nofs siegħ — u konfinanti l-istess raba′ mit-tramuntana ma′ porzjoni raba′ oħra tal-atturi, imqabbla għand il-konvenut, Pawlu Buttigieg, nofsinhar ma′ beni tal-istess aħwa Mizzi u lvant ma′ beni tal-aħwa Tabone, liema porzjoni raba′ hija murija fuq is-*site-plan* hawn annessa bħala Dokument "A", u li intom qegħdin tokkupaw mingħajr l-ebda titoli validi fil-liġi.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-2 ta′ Ġunju 1989 u bl-inġunzjoni tal-istess konvenuti għas-subizzjoni, li għaliha minn issa huma imħarrka.

Għal fini tal-kompentenza qiegħed jiġi dikjarat illi l-valur lokatizzju tal-istess porzjoni raba′ ma jaċċedix l-għaxar liri (LM10) maltin fis-sena.

**Rat ir-risposta tal-konvenuti illi eċċepixxew bir-rispett:**

1. Preliminarjament in-nullità taċ-ċitazzjoni in kwantu l-atturi nisa miżżewġin m′humiex jaġixxu bl-assistenza ta′ żwieġhom;

2. Illi l-avviż huwa rrit u null billi ma ġiet indikata ebda kawżali biex tiġġustifika t-talba attriċi;

3. Mingħajr preġudizzju għall-premess, in-nuqqas ta′ interess ġuridiku tal-atturi sabiex jipparteċipaw f′din il-kawża, billi huma ma għandhom ebda jedd fuq l-art mertu taċ-ċitazzjoni;

4. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju, il-konvenuti qegħdin jiddikjaraw dan ir-raba′ b′titolu validu skont il-liġi, u ċjoè bi qbiela, kif jiġi dettaljament ippruvat fil-kors tal-kawża.

Rat illi b'digriet tat-8 ta' Novembru 1991 il-Qorti kif dak inhar preseduta laqgħet it-talba ta' Giuseppa armla ta' Francesco Mizzi u appuntata bħala kuratriċi ad litem ta' binha Carmelo Mizzi;

Rat illi b'digriet tal-14 ta' Marzu 1995 il-Qorti kif diversament preseduta laqgħet it-talba tal-partijiet u nnominat lil Dr Carmelo Galea LL.D bħala Perit Legali sabiex jirrelata dwar din il-vertenza;

Rat illi l-kawża ġiet differita fuq medda ta' snin stante illi din il-kawża qiegħda tistenna l-eżitu ta' kawża relatata;

Rat illi fl-udjenza tad-29 ta' Jannar 2020 din il-Qorti diversament preseduta ssenjalat illi l-kawża kienet ilha mħollija għal-leġitimazzjoni tal-atti sa mid-29 ta' April 1999 iżda minn dakinhar ma kien sar xejn għajr ingħataw bosta differimenti. In oltre, il-Qorti osservat illi fil-kawża odjerna ma kien sar xejn minn mindu ġiet istitwita l-kawża fit-13 ta' Frar 1990;

Rat illi b'digriet tas-17 ta' Novembru 2020 din il-Qorti diversament preseduta ordnat it-trasfużjoni tal-ġudizzju ta' Carmel Mizzi f'isem ħutu u l-atturi l-oħra Angelo, Maria Galea, Salvu, Grace Sciberras, Joseph, Margaret (xebba) u Paul ilkoll aħwa Mizzi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat illi l-kawża ġiet differita għal-lum għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Nonostante l-fatt illi din il-kawża ġiet istitwita b'rikors datat 13 ta' Frar 1990, fuq medda ta' tnejn u tletin (32) sena ma sar assolutament xejn. L-atti tal-kawża huma msawwra unikament minn differimenti wieħed wara l-ieħor tant li bid-digiret tagħha

tad-29 ta' Jannar 2020 din il-Qorti kif dakinhar preseduta kellha tintervjeni sabiex twaqqaf din il-passività u ħela ta' ħin.

L-aġir tal-partijiet huwa assolutament deplorevoli. Inutli jingħad li dan kollu ssarraf biss f'ħela ta' ħin u riżorsi prezzjużi li ċertament setgħu jintużaw aħjar.

Il-Qorti tosserva wkoll illi nonostante l-ħatra ta' perit legali, mill-atti ma jirriżultax jekk dan kienx f'qagħda jespleta l-inkarigu tiegħu.

Mill-atti jidher ukoll illi oriġinarjament id-differimenti kienu dovuti għall-fatt illi din il-kawża kienet qiegħda tistenna l-eżitu ta' vertenza oħra biss mhux magħruf liema kienet il-kawża l-oħra jew x'sar minnha.

Tenut kont tal-fatt li provi ma tressqux, la minn parti u lanqas minn oħra, il-Qorti ma tista' tagħmel ebda konsiderazzjoni la dwar l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuti u wisq inqas dwar it-talba attriċi. Fiċ-ċirkostanzi u stante nuqqas ta' provi, il-Qorti sejra tiċħad sia t-talbiet kif ukoll l-eċċezzjonijiet.

**Decide**

Għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad in toto sia l-eċċezzjonijiet kif ukoll it-talbiet.

L-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom ikunu a karigu tal-atturi.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur